

32004D0756

11.11.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 335/5

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**ta' l-4 ta' Ottubru 2004****dwar il-konklużjoni ta' Ftehim li jgdedded il-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika**

(2004/756/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 170, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 300(3),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 1998 ⁽²⁾, il-Kunsill approva l-konklużjoni ta' Ftehim għat-tiġdid tal-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.
- (2) L-Artikolu 12(b) tal-Ftehim jipprovdi kif ġej: "Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perijodu inizjali ta' ħames snin. Suġġett għal revizzjoni mill-Partijiet fl-aħħar sena ta' kull perijodu suċċessiv, il-Ftehim jista' jiġi estiż b'emendi possibbli, wara dan għal perijodi addizzjonali ta' ħames snin bi ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet".
- (3) L-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika infurmaw lis-servizzi tal-Kummissjoni li jilqgħu bi pjaċir it-tiġdid tal-Ftehim imsemmi hawn fuq għal ħames snin oħra. Tiġdid malajr ikun għaldaqstant fl-aħħar interess taż-żewġ partijiet.
- (4) Il-kontenut materjali tal-Ftehim imġedded ser ikun l-istess bħall-kontenut materjali tal-Ftehim, li skada fit-13 ta' Ottubru 2003;
- (5) Il-Ftehim li jgdedded il-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandu jiġi approvat f'isem il-Komunità,

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2003 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 284, 22.10.1998, p. 35.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim li jġedded il-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għal perijodu addizzjonali ta' ħames snin huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa tiffirma l-Ftehim sabiex tesprimi l-kunsens tal-Komunità li tintrabat b'dan.

Magħmul fi Brussel, nhar l-4 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

A. J. DE GEUS

22004A1111(01)

11.11.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 335/7

FTEHIM**Li jgħedded il-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika**

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, (minn issa 'l quddiem "il-Komunità"),

min-naħa l-waħda, u

L-GVERN TA' L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejja "l-Partijiet",

WAQT LI JIKKUNSIDRAW l-importanza tax-xjenza u tat-teknoloġija għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom,

BILLI JIRRIKONOXXU li l-Komunità u l-Istati Uniti ta' l-Amerika qed iwettqu attivitajiet ta' riċerka u teknoloġiċi f'numru ta' oqsma ta' interess komuni, u li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp ta' xulxin fuq bażi ta' reċiproċità ser tagħti benefiċċji reċiproċi,

WARA LI KUNSIDRAW il-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li ġie ffirmat f'Washington fil-5 ta' Diċembru 1997 u li ser jiskadi fit-13 ta' Ottubru 2003,

BILLI JIXTIEQU jtennu l-koperazzjoni tagħhom fix-xjenza u t-teknoloġija fil-qafas formali stabbilit mill-Ftehim,

QABLU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li ġie ffirmat f'Washington fil-5 ta' Diċembru 1997 u li ser jiskadi fit-13 ta' Ottubru 2003, huwa hawnhekk approvat għal perijodu addizzjonali ta' ħames snin.

Artikolu 2

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet ikunu notifikaw lil xulxin li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ġew kompletati.

Artikolu 3

Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ kopji fil-lingwa Daniż, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Griega, Ingliż, Olandiż, Portugiż, Spanjola, Svediż u Taljana, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

Għall-Komunità Ewropea
Għall-Gvern ta'

l-Istati Uniti ta' l-Amerika